MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2012

Talba Numru. 1380/2010

**Vodafone Malta Limited**
**C10865**

**Vs**

**Donald Vassallo**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta' Awissu, 2010 fejn intalab illi l-konvenut ghandu jigi kkunddannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija u tmienja u tmenin Ewro u tnejn u disghin centezmu (€588.92) rapprezentanti ammont dovut bhala hlas ta servizzi u prodotti pprovduti lill-istess konvenut abbazi ta ftehim.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv, izda dan baqa inadempjenti ghal tali talba, ghalhekk l-ammont ghadu dovut sa llum.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data meta l-ammont kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut u bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, u kkontesta il-kawza permezz tar-risposta tieghu pprezentata fis-7 ta' Dicembru, 2010 fejn irrispinga l-ammont pretiz u qal illi huwa hallas l-ammont li kien pendenti u li qalulu li kien tal-ammont ta' tmienja u sittin Ewro u sebgha u disghin centezmu (€68.97).

Illi fis-seduta tas-7 ta' Frar, 2011 is-socjeta attrici pprezentat nota ta' riduzzjoni fejn l-ammont mitlub gie ridott mija u wiehed u sebghin Ewro u erbatax-il centezmu (€171.14)

Illi fit-22 ta' Marzu, 2011 dehru d-difensuri tal-partijiet li qalu li kien hemm possibilta ta' transazzjoni.

Illi minkejja din il-possibilta ta' transazzjoni l-konvenut qatt ma deher ghas-seduti sa' minn Gunju 2011 u qatt ma tella provi.
Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tal-15 ta' Frar, 2012 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u wiehed u sebghin Ewro u erbatax-il centezmu

(€171.14) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------